kienu mżejnin b'antarjoli u trofej b'kull għamla, daqs u lewn ta' bnadar iperpru ferħanin maż-żiffa ħafifa tal-għodwa, u b'piramdi għoljin bi qsari bi friegħi tar-rand u tal-klin ifewwaħ, bi ħbula tal-liedna għaddejjin minn piramda għall-oħra, b'tazzi taż-żejt ta' kull lewn imdendlin magħhom, mas-siġar u mal-ħitan tal-bini tat-Tokk, l-iktar, lesti għall-mixegħla ta' fil-għaxija.

F'tarf it-telgħa, jew aħjar, fil-bidu tat-Tokk kienu jidhru fil-għoli żewġ anġli li jsaħħru jżommu miż-żewġ naħiet tat-triq kuruna bellusija li, kif l-Isqof wasal taħtha, infetħet u xeħtet xita ta' qronfol u margeriti fil-waqt li l-karti mżewqin, bi kliem ta' tifħir u għana, bdew jittajru 'l hawn u 'l hinn bħal friefet fuq l-irjus ta' poplu maħruġ barra minnu n-nifsu bil-ferħ. Kif l-Isqof qabad it-telgħa tal-belt waqaf, u, kif daħal taħt il-baldakkin imwieżen mis-Saċerdoti, il-kanun tal-Kastell beda jsemma' leħnu kburi, u wieħed abbati ċkejken ta' 12-il-sena, imqanqal sad dmugħ bil-ferħ, qara diskors li bih qasam qalb l-Isqof u qalb kull min kien jisma' (1).

Wara dan, il-purċissjoni kompliet miexja lejn il-Kattedral fejn hemmhekk l-Ewwel Isqof ta' Għawdex għamel l-Ewwel Pontifikal megħjun mill-Kanonki tiegħu. Wara l-Quddiesa l-Isqof ferħan u hieni, ta l-Ewwel barka tiegħu lil uliedu maħbubin u miġburin madwaru kuruna mill-gżira kollha.

Il-għada, imbagħad, jum it-Tnejn, wara nofs-inhar saret it-tiġrija tal-bhejjem u, fil-għaxija, wara li l-banda kienet ilha għal ħafna sigħat issemma' leħenha li jgħaxxaq f'nofs it-Tokk sewwa, sar il-ġiġġifogu li bħalu kien għadu ma sar qatt ġewwa Għawdex.

* * *

Wara l-festi, l-ewwel ħsieb ta' l-Isqof Buttiġieġ kien li jibda jlibbes u jżejjen kif jixraq lid-Djar t'Alla l-knejjes ta' Għawdex; għen bi flusu t-tagħlim nisrani tat-tfal żgħar u l-iktar ta' San Ġakmu; għammar il-palazz b'kull ma kien jeħmeħteġin għall-festi ta' ma' tul is-sena; xtara l-isbaħ ħwejjeġ imqaddsa; waqqaf is-Seminarju u għolla 'l fuq it-tagħlim ta' dawk iż-żgħażagħ li kienu jridu jsiru Saċerdoti.

---

(1) Dan l-abbati, meta kiber, sar Qassis, Dun Ġużepp Farrugia, li wara laħaq Professur tal-latin fil-Liċeo ta' Għawdex, Bibljotekarju u Kanonku tal-Kattedral.



L-Isqof il-ġdid kien jilqa', kull xħin ikun, lill-Kappillani tar-rħula u lil kull wieħed kien jagħtih il-parir għaqli tiegħu u jfarrġu fin-niket tal-ħajja. Ma kienx jitlef żmien meta jiġi msejjaħ biex jagħmel il-Griżma lit-tfal żgħar morda. Hu nnifsu beda jżur l-isptarijiet u djar oħra meta reġa' dehier il-mard qerriedi u jfarraġ lil kull wieħed u jgħallmu jittama fil-ħniena t'Alla.

Il-kmand tiegħu, l-Isqof Buttiġieġ, kien ħelu; fiċ-ċanfir, meqjus u ħanin; qalbu f'idejh ma' kulħadd u jagħli jekk xi darba kien ikollu jiċħad xi talba. Għalkemm imdaħħal fiż-żmien fetaħ minnufih il-Vista Mqaddsa u, bħala radd il-ħajr 'l Alla, għamel pirċissjoni bil-kleru kollu tal-gżira mill-Kattidral għall-Kunvent tal-Kappuċċini, u minn hawn lura.

Iżda, issa, jum il-ħlas kien riesaq għalih ukoll. Oħtna l-mewt xirfitlu kerha fl ewwel jiem ta' Lulju tal-1865 u daħlet fuqu u ħasditu bil-minġel tagħha fit-12 ta' l-istess xahar wara ħajja ta' madwar 73 sena.

Miet l-Isqof Buttiġieġ, iżda miet ta' qaddis bħalma għex f'ħajtu, imsaħħaħ u mfarraġ mill-għodda tad-din nisrani tagħna u mdawwar minn għadd kbir ta' Saċerdoti. Miet, mibki u mitħassar minn kulħadd. Miet, iżda għalkemm iż-żmien jeqred u jnissi, il-ġid li għamel lill-poplu għawdxi ma jintesa qatt, u ismu jibqa' mfaħħar u mbierek għal dejjem.

P. PAWL TABONE O.F.M.

## FRAK MILL-WERAQ TA' BYRON

### F'ALBUM

Kif fuq xi ġebla kiesħa ta' qabar
isem ta' mejjet ħarsitna jwaqqaf,
hekk meta taqleb b'ħerqa jew sabar
din il-faċċata nitolbok twaqqaf
għajnejk ħosbiena, u, meta wara,
f'xi żmien jew ieħor, hawn ismi taqra
bħal ta' xi mejjet meta jinqara
l-isem fuq qabar, int ftakar naqra
fija u fil-ktajjen li t-tnejn rabtuna.
Ftakar li qalbi hawnhekk midfuna.

a. c.